MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 881/2001/1

**Joseph Aquilina**

**Vs**

**Paul u Josephine konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mill-attur permezz ta’ liema jitlob li l-konvenuti konjugi Borg jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ elfejn u tletin Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm2,030.12), illum ekwivalenti ghal erbat elef seba’ mija tmienja u ghoxrin Euro u disghin centezmu (€4,728.90), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ hadid u materjal minnu supplit lilhom; bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti permezz ta’ liema jeccepixxu li t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u

ghas-sodisfazzjoni taghhom, ghall-kuntrarju l-attur ser idahhalhom fi spejjez akbar. Id-difetti li dwarhom jilmentaw il-konvenuti konjugi Borg huma: (a) *fil-gate tal-garage li inhadmet zghira u kellhom jintuzaw spacers bejn il-kolonni u l-pilastri tal-hadid biex din tpoggiet u xorta thalla 'gap' wiesgha bejn iz-zewg bibien u fiha wkoll hadid vertikali li hu spazjat differenti, liema xoghol hazin kien il-kagun li d-disinn fil-gate gie mgebbed jew mghaffeg;* (b) *fil-gate tal-bieb principali li fiha hadid vertikali mghawweg, liema xoghol hazin kien il-kagun li d-disinn fil-gate gie mgebbed jew mghaffeg;* (c) *fil-gate tal-bieb tal-gemb li fiha toqob imcartin fil-hadid orizzonatli kif ukoll hadid vertikali mghawweg u spazjat differenti, liema xoghol hazin kien il-kagun li d-disinn fil-gate gie mgebbed jew mghaffeg;* (d) *fil-partijiet l-fissi li nhadmu kbar u gew imcekkna minghajr ma rega' sar il-galvanizzar kif miftiehem, fihom disinn inkonsistenti ma' dak miftiehem kif ukoll inkonsistenti bejn il-partijiet, fihom hadid vertikali mghawweg jew mghaffeg, u hadid vertikali ta' gholi differenti fejn suppost li hu l-istess gholi, ecc.*; (e) *meta twahhal il-hadid gew imcaqilqa knaten fil-pilastri tal-gebel*;

Semghet ix-xhieda ta' Paul Bugeja, Espert Tekniku nominat mill-Qorti, waqt is-seduti tas-26 ta' Novembru 2003[1] u ta' l-10 ta' Dicembru 2007[2] u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Assistent Giudizzjarju l-Avukat Dottor Daniela Mangion waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2010[3], rat ir-relazzjoni ta' l-Espert Tekniku kif assistit mill-Perit Legali l-Avukat Dottor Adrian Camilleri a fol. 49 sa' 51 tal-process, rat ir-ritratti esebiti mill-attur a fol.28 tal-process u markati bhala Doks. "R1" sa' "R12", semghet ix-xhieda tal-konvenut Paul Borg waqt is-seduti tas-26 ta' Mejju 2008[4] u ta' l-20 ta' Mejju 2009[5] u rat ir-ritratti esebiti minnu a fol. 64 tal-process u l-fotokopji ta' l-istess ritratti esebiti a fol. 65 sa' 70 tal-process; rat l-affidavit tal-konvenut Paul Borg a fol. 72 sa' 74 tal-process u rat il-fuljett dwar *hot dip galvanizing* ipprezentat mill-konvenuti a fol. 76 sa' 77 tal-process, rat id-dokumenti,

[1] Fol. 25 sa' 26 tal-process.
[2] Fol. 58 sa' 59 tal-process.
[3] Fol. 103 sa' 105 tal-process.
[4] Fol. 63 tal-process.
[5] Fol. 88 sa' 91 tal-process.

ossia *drawings* relattivi ghax-xoghol esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti, markati bhala Doks. “JA1” u “JA2” a fol. 84 u 85 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti konjugi Borg jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ Lm2,030.12, ekwivalenti ghal €4,728.90, rapprezentanti l-valur bilancjali ta’ xoghol ta’ hadid u materjal supplit minnu lill-istess konvenuti. Ix-xoghol esegwit mill-attur ghall-konvenuti kien jikkonsisti f’kancell tal-hadid galvanizzat li gie installat madwar il-fond tal-konvenuti Nru.22, “Glen Grove”, Triq il-Qamh, Attard. Il-konvenuti konjugi Borg jopponu ghat-talba attrici u jikkontendu li l-istess ghandha tigi michuda in kwantu x-xoghol esegwit mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti w a sodisfazzjoni taghhom. Huma jikkontendu li d-difetti li fih ix-xoghol esegwit mill-attur – li gew minnhom elenkati fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghhom u fl-affidavit tal-konvenut Paul Borg – huma tali li ser ikollhom jidhlu fi spejjez kbar biex l-istess jigu rimedjati.

Kif solitament jigri f’kwistjonijiet ta’ natura teknika, il-Qorti nnominat Espert Tekniku, Paul Bugeja, sabiex bl-assistenza tal-Perit Legali l-Avukat Dr. Adrian Camilleri jirrelata dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mill-attur fil-fond tal-konvenuti. L-Espert Tekniku zamm access fil-fond tal-konvenuti u spezzjona x-xoghol esegwit mill-attur u rigward l-istess xehed: *ix-xoghol in kwistjoni, fil-fehma tieghi ma kienx hazin. Fil-fatt hemm biss xi difetti zghar li jistghu jitrangaw. Biex naghti ezempju per ezempju, fil-Ferro Battuto f’forma ta’ C, il-konvenut allega li din kienet maqluba. Jiena dan ix-xoghol niddeskrivih bhala sabih. Normalment hadid galvanizzat ma jkunx irfinat. Jiena ghalija kien fih xoghol tas-sengha u x-xoghol ma kienx ikrah. Dan huwa xoghol ta’ l-idejn*[6].

---

[6] Seduta tas-26 ta’ Novembru 2003, fol. 25 tal-process.

Dak ikkonstata mill-Espert Tekniku waqt ix-xhieda tieghu gie minnu kkonfermat fir-Relazzjoni tieghu fejn ikkonkluda li: *m'hemm l-ebda difetti fix-xoghol ta' caccis (pilastri) u 'spacers' li saru mill-haddied in kwistjoni u fil-fatt l-'ispacers' saru kif suppost u dana ghaliex il-hajt li fuqhom kellhom jitwahhal ic-caccis kien dizlivell; huwa minnu li fir-railings (u mhux fil-kancell) hemm xi cejjiet (nokkli) li huma mdawwra n-naha l-hazina u dawn iridu jigu ittrangati – però dan huwa xoghol li jista' jigi ttrangjat facilment minn nies tas-sengha. Il-kancell jinfetah u jaghlaq tajjeb u kif suppost u ma kien hemm l-ebda difett fih f'dana r-rigward*[7]. Waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2007[8] l-Espert Tekniku spiega li l-valur tax-xoghol biex jigu rrangati c-cejjiet (nokkli) li huma mdawra n-naha l-hazina jammonta b'kollox ghal Lm100, ekwivalenti ghal €232.93.

In eskussjoni l-Espert Tekniku mill-gdid ikkonferma li x-xoghol esegwit mill-attur sar skond is-sengha u l-arti u li ghalkemm hemm xi difetti dawn huma zghar u facilment jistghu jigu rrangati. *Qed issirli referenza ghal kancell in kwistjoni n-naha t'isfel fejn hemm immarkat b'zewg vlegeg homor sabiex nikkumenta dwar l-ispazju fejn il-parti mdawwra u l-parti tan-nofs tal-kancell dwar l-ispazju hemmhekk. Jiena niddeskrivi dan ix-xoghol bhala ta' l-idejn u billi jkun hemm xi varjazzjoni zghira ma nistax nikkonsidra bhala difett…*[9] *B'referenza ghal ritratt esebit u mmarkat bhala P1 jiena nghid li dan huwa difett u jista' jittranga … nghid illi t-toqba tal-galvanizing huwa normali li din issir 'right through'. Allura nghid li dan mhux difett.* Ghalkemm ikkonferma li whud mill-vireg huma mghawgin u mhux ekwidistanti mill-gdid ippreciza li dan kien xoghol ta' l-idejn u li *taghmel li tista' meta jkun xoghol ta' l-idejn*. B'referenza ghall-galvanizing huwa stqarr li *jiena ma rajtx sadid, dak iz-zmien cioè. Nghid illi l-galvanizing jista' ma jiehux. Jiena ma nafx x'tip ta' protezzjoni inghatat. Jiena x-xoghol rajtu mwahhal* [[10].

[7] Fol. 51 tal-process.
[8] Fol. 48 tal-process.
[9] Seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2007, fol. 58 u 59 tal-process.
[10] Fol.64 A sa' 64J tal-process.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-opinjoni teknika m'ghandhiex facilment tigi skartata mill-Qorti … konvinzjoni kuntrarja kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*[11].

Il-konvenuti jissottomettu li l-Qorti ghandha tiskarta l-konkluzzjonijiet ta' l-Espert Tekniku ghaliex kontra dak minnu konstatat ix-xoghol esegwit mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u dana kif jidher mir-ritratti esebiti mill-konvenut Paul Borg a fol. 64 tal-process. Fl-affidavit tieghu l-konvenut Paul Borg mill-gdid elenka dawk li skond hu huma d-difetti fix-xoghol esegwit mill-attur:

- Il-partijiet fissi tax-xoghol li kellu jsir kienu inizjalment saru kbar wisq u wara li l-attur hadhom lura biex jirranghom *irrizulta li dawn il-partijiet fissi kien cekkinhom billi qatta u qassar miz-zewg nahat bir-rizultat li, apparti li l-hot dip galvanizing gie rovinat bil-qtuh tal-welding, l-ispazji bejn il-vireg vertikali wkoll gie ta' qisien differenti*;
- Il-haddiema ta' l-attur *kienu caqilqu xi pilastri … peress li huma kienu qeghdin juzaw il-power tools u l-pilastri kienu tal-gebel fuq il-fil, il-haddiema ma qaghdux attenti bizzejjed u ssikkaw il-vittien izzejjed*;
- Il-*gate* tal-bieb sekondarju giet tiftah fuq il-bankina, kontra r-regolamenti tal-MEPA, meta din kellha tiftah fuq gewwa. Il-haddiema ta' l-attur *dawwru l-lock u wahhlu l-gate tiftah 'il gewwa, cioè fuq in-naha ta' kontra kif kien miftiehem u suppost, u ghalhekk il-hadid ghat-tiskir tal-katnazz gie fuq barra flok fuq gewwa.* Din l-istess *gate* ghandha *toqob fil-hadid orizonatli ghall-hadid vertikali mcarrta w l-hadid vertikali ghandu il-perpendikular mitluf*;
- Il-*gate* biswit il-garage *giet zghira u hemm spazju ta' xi pulzier bejn bicca w ohra liema zball tghatta bi 'flat bar'. L-ispazji bejn il-vireg vertikali wkoll huma ta' qies differenti*.

---

[11] **Joseph Schembri v. Emanuel Caruana, Citaz. Nru. 534/93**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003.

Fil-fehma tal-Qorti però il-konvenuti ma ressqu ebda prova li b'mod konvincenti teghleb u tpoggi fid-dubbju l-konkluzzjonijiet ta' l-Espert Tekniku dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mill-attur u li a contrario turi li dan ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti.

Ghalkemm l-Espert Tekniku rriskontra xi difetti bhal ad esempju whud mic-cejjiet (nokkli) li twahhlu bil-maqlub, dawn huma difetti mhux essenzjali u li facilment jistghu jittrangaw.

Difett huwa essenzjali meta jippriva *l-haga mill-iskop jew l-utilità taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent jew indikata min-natura stess tax-xoghol*[12]. Il-fatt li d-difetti riskontrati mill-Espert Tekniku fix-xoghol esegwit mill-attur ma humiex essenzjali ma jirrizultax biss mir-Relazzjoni tieghu izda anke mill-fatt li l-konvenuti accettaw il-konsenja tax-xoghol – ghalkemm jippruvaw jargumentaw mod iehor – u ilhom jaghmlu uzu minnu ormai ghal diversi snin.

Fir-rigward tad-distanzi mhux ugwali bejn il-vireg vertikali f'partijiet mix-xoghol mahdum mill-attur, jigi rilevat li dawn mhux difetti izda, kif sewwa konstatat mill-Espert Tekniku, affarijiet li ma jistghux jigu evitati f'xoghol ta' l-idejn bhalma hu x-xoghol mertu tal-kontestazzjoni. In verità id-dehra generali tax-xoghol esegwit mill-attur hi fil-fatt wahda sabiha, kif jirrizulta anke mir-ritratti esebiti mill-attur a fol. 28 tal-process. Mill-gdid jigi osservat illi minkejja l-ilmenti taghhom, il-konvenuti accettaw il-konsenja tax-xoghol u ghamlu uzu minnu u ghadhom jaghmlu uzu minnu sal-gurnata ta' llum.

Anke l-ilment tal-konvenuti rigward l-*ispacers* utilizzati mill-attur huwa kompletament infondat. Kontra dak minnhom l-allegat l-uzu ta' dawn l-*ispacers* ma huwiex difett izda xi haga necessarja meta, bhal fil-kaz in ezami, il-hajt ma fejn irid jitwahhal ic-caccis ma jkunx livell. Huwa f'kaz li ma jintuzawx dawn l-*ispacers* meta mehtieg li x-xoghol ma

---

[12] **George Sladden v. Lonza Agius, Citaz. Nru. 1584/95**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003.

jkunx skond is-sengha u l-arti. Il-konvenuti ma ressqu ebda prova li turi li kontra dak konstatat mill-Espert Tekniku l-hajt ma huwiex dislivell u l-*ispacers* intuzaw ghaliex ix-xoghol ma inhadimx sew.

L-istess jinghad fir-rigward ta' l-allegata *gap* wiesgha li thalliet bejn il-bibien tal-kancell biswit il-garage. Apparte l-fatt li ma tressqitx prova li turi dan il-*gap* jew imqar il-*flat bar* li allegatament tghatti tali *gap*, l-Espert Tekniku ikkonkluda li *Il-kancell jinfetah u jaghlaq tajjeb u kif suppost u ma kien hemm l-ebda difett fih f'dana r-rigward*[13].

In fine ssir referenza ghall-affermazzjoni persistenti tal-konvenuti li l-fatt li l-attur qata' u ghamel *welding* tal-hadid wara li sarlu t-trattament tal-*hot dip galvanizing* wassal biex il-materjal beda jissaddad - *minhabba l-metodu li uza l-attur sabiex jitranga dan l-ahhar difett* (ossia li l-partijiet fissi tal-hadid gew kbar wisq) *kien hemm rizultat ta' distanzi differenti, kemm in rigward il-vireg kif ukoll minhabba li meta sar il-qtugh kien sar welding ukoll, il-galvanizing tgharraq, fil-fatt illum hemm sadid fejn sar dan il-qtugh. Is-sadid ghadu hemm. Fejn hu ssegat fil-fatt jidher sal-lum li hiereg is-sadid. Ix-xoghol kollu ghadu fl-istat originali li kien, lanqas ma tajtu xi zebgha jew xi hag' ohra. Zebgha fuq oggett iggalvanizzat titqaxxar*[14].

Il-Qorti tinnota li nonostante dak allegat mill-konvenuti, mir-ritratti esebiti mill-konvenut Paul Borg a fol. 64 tal-process waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2008 – fejn ix-xoghol gie ritratt b'mod dettaljat – ma hemm l-ebda traccja ta' sadid. In effetti ebda wiehed mill-kummenti tal-konvenut fuq in-naha ta' wara ta' dawn ir-ritratti, fejn jindika d-difett minnu ritratt f'kull ritratt partikolari, ma jaghmel referenza ghal xi sadid fil-materjal. Ir-ritratti ttiehdu f'xi zmien tul is-sena 2007, kif dikjarat mill-istess konvenut waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2008, jigifieri diversi snin wara li nhadem u gie installat ix-xoghol, u ghalhekk kieku verament hareg is-sadid fil-materjal dan

[13] Fol. 51 tal-process.
[14] Kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2009, fol. 89 tal-process.

certament kien jigi jidher fir-ritratti u ma hemmx dubju li l-konvenut kien jaghmel mezz li jiehu imqar ritratt wiehed fejn jidher dan is-sadid! Minbarra dan, ma jistax jigi injorat il-fatt li l-Espert Tekniku xehed illi meta acceda fil-fond tal-konvenuti biex jispezzjona x-xoghol huwa ma ra ebda sadid fil-materjal[15].

Il-konvenuti jikkontendu wkoll li meta twahhal il-hadid gew imcaqilqa knaten fil-pilastri tal-gebel però, f'dan ir-rigward ukoll ma tressqet ebda prova, lanqas permezz ta' ritratti, li sodisfacentement tikkonvinci lil din il-Qorti li dak allegat mill-konvenuti huwa fil-fatt minnu.

Ghalhekk fid-dawl tal-principju li *sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux*[16]*,* il-Qorti ser tadotta bhala Taghha l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku li ghajr ghal xi 'cejjiet' (nokkli) li huma mdawwra n-naha l-hazina, ix-xoghol esegwit mill-attur sar skond is-sengha u l-arti.

Il-Qorti diversi drabi accennat ghall-fatt li l-konvenuti accettaw il-konsenja tax-xoghol u ghamlu uzu minnu, u ghadhom qed jaghmlu uzu minnu sal-gurnata ta' illum. Dana fil-fehma Taghha huwa fatt li serjament jimpingi fuq l-opposizzjoni tal-konvenuti ghat-talba ghall-hlas ta' l-attur.

Ghalkemm il-konvenut Paul Borg jipprova jaghti *ad intendere* li x-xoghol twahhal kontra r-rieda tieghu ghaliex hu mill-ewwel ma accettahx[17], il-Qorti ma tistax temmen dan. Skond il-konvenut il-haddiema ta' l-attur komplew bl-installazzjoni tax-xoghol, li damet ghaddejja guranata, minkejja l-protesti tieghu dwar il-kwalità tax-xoghol kemm maghhom kif ukoll l-attur. Il-Qorti ssibha ferm difficli temmen li tul il-hin kollu li damet ghaddejja l-installazzjoni tax-xoghol il-konvenut ma sabx mezz kif iwaqqaf lill-

---

[15] Xhieda moghtija quddiem l-Assistent Giudizzjarju waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2010, fol. … tal-process.

[16] **Perit Arkitett u Ingier Civili Frank Giordmaina Medici noe v. Pio Camilleri, Citaz. Nru. 840/93** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.

[17] Kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2009, fol. 89 tal-process.

haddiema ta’ l-attur milli jkomplu bl-installazzjoni u jibghat kollox lura ghand l-attur!

Jekk verament ix-xoghol ta’ l-attur ma kienx accettabbli ghalihom il-konvenuti kellhom zewg alternattivi: jew jirrifjutaw ix-xoghol esegwit waqt li jezigu li jigu rizarciti d-danni minnhom sofferti minhabba l-inadempjenza kontrattwali ta’ l-attur jew inkella jaccettaw ix-xoghol kif esegwit u jitolbu li jigi mnaqqas il-valur rapprezentat minn dik il-parti tax-xoghol mhux esegwita skond is-sengha u l-arti, u mhux jaccettaw ix-xoghol u jaghmlu uzu minnu u fl-istess waqt jippretendu li ma jhallsux lill-attur. La ghazlu li jaccettaw il-konsenja u jzommu x-xoghol esegwit mill-attur, il-konvenuti llum ma jistghux jippretendu li ma jhallsux ghall-valur ta’ dak ix-xoghol li ilhom juzufruwixxu minnu ghal dawn is-snin kollha[18].

Il-konvenuti jressqu argument iehor in opposizzjoni ghat-talba attrici u cioè li l-attur accetta li x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti tant illi offra li jnaqqas Lm1,000 mill-kont*[19]*.

Jigi osservat li tali accettazzjoni da parte ta’ l-attur trid tirrizulta minn provi espliciti, inekwivoci u konkludenti b’mod li kjarament juru li huwa fil-fatt accetta li ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti tant illi ried inaqqas is-somma ta’ Lm1,000 mill-kont[20]. Huwa principju stabbilit illi l-assunzjoni tar-responsabilità, f’dan il-kaz ta’ xoghol esegwit mhux skond is-sengha u l-arti, ma tistax tingibed hlief meta ma jkunx jezisti l-ebda dubbju li l-parti accettanti, f’dan il-kaz l-attur, riedet hekk[21].

Fil-fehma tal-Qorti tali prova esplicita, inekwivoka u konkludenti ma saritx u dana minkejja x-xhieda tal-konvenut Paul Borg. In effetti dak minnu affermat ma giex debitament korroborat ghaliex principlament ma tressaqx

---

[18] Anthony Buhagiar pro et noe v. Edwar Scerri, Citaz. Nru. 528/89, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Marzu 2001.
[19] Affidavit tal-konvenut, fol. 74 tal-process u Kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Mejju 2009, fol. 90 tal-process.
[20] **GasanMamo Insurance Limited noe v. Oliver Ruggier, Appell Civili 107/02,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta’ Novembru 2004.
[21] *Ibid.*

l-attur biex jikkonferma din l-allegata accettazzjoni da parte tieghu u sekondarjament lanqas tressqu l-persuni l-ohra – ossia l-Avukati tal-partijiet u/jew l-Espert Tekniku – li skond il-konvenuti kienu xhieda ghal din l-accettazzjoni, biex jikkonfermaw li bhala fatt l-attur qal hekk.

Apparte dan kollu anke kieku stess kellu jirrizulta li l-attur ghamel tali offerta lill-konvenuti, din xorta ma tistax tintuza kontra tieghu mill-konvenuti ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikjacja tar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti … wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu* [jew f'dan il-kaz li x-xoghol minnu esegwit ma kienx skond is-sengha u l-arti] *jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwestjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattativi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilità ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju – Giovanna Mifsud noe et v. Rosaria Felice Gay, Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1972; Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat noe, Appell, 28 ta' April 2000*[22]*.*

Ghalhekk, il-pretensjoni tal-konvenuti li ebda hlas ma hu dovut lill-attur ghaliex kien inadempjenti fl-esekuzzjoni tax-xoghol kummissjonat lilu hija infondata u ma ghandhiex tigi milqugha. Madanakollu, billi fix-xoghol esegwit mill-attur gew riskontrati xi difetti mhux essenzjali, l-attur xorta wahda jrid jipprovdi ghar-riparazzjoni taghhom jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz[23].

Ladarba ghaddew hafna snin minn meta gie esegwit ix-xoghol il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz ghandha tipprovdi ghat-trangar tad-difetti u dana anke billi tara li difficilment il-konvenuti jkunu disposti jaccettaw li l-attur jesegwixxi iktar xoghol ghalihom, u minflok ser tghaddi biex tirriduci l-

[22] *Ibid.*
[23] **Perit Arkitett u Ingier Civili Frank Giordmaina Medici noe v. Pio Camilleri, Citaz. Nru. 840/93** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003; **George Sladden v. Lonza Agius, Citaz. Nru. 1584/95**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003.

ammont li ghandu jithallas lill-attur b’dak il-valur indikat mill-Espert Tekniku bhala l-valur tax-xoghlijiet rimedjali.

Waqt is-seduta tat-12 ta’ Frar 2007 l-Espert Tekniku ddikjara li l-valur tax-xoghol rimedjali necessarju biex jittrangaw id-difetti riskontrati fix-xoghol jammonta ghal Lm100, illum ekwivalenti ghal €232.93, u ghalhekk huwa dan l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma ta’ Lm2,030.12, ekwivalenti ghal €4,728.90, mitluba mill-attur bhala l-valur bilancjali tax-xoghol esegwit minnu ghall-konvenuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ in parte l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ in parte t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ €4,495.97, ekwivalenti ghal Lm1,930.12; bl-imghax legali dekoribbli mill-25 ta’ Ottubru 2001 (ossia d-data tan-notifika ta’ l-Avviz) sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------